MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 274/2011

**Daniel Farrugia**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Daniel Farrugia fid-19 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu b'ittra datata 17 ta' Novembru 2011 u minflok jordna li tinhareg favur tieghu licenza ta' Gwardjan Privat;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ghal kuntrarju ta' dak affermat mir-Rikorrent, kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed sabiex jiggustifikaw id-decizjoni tieghu li ma jgeddidtx il-licenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent;

Sema’ x-xhieda ta’ l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi[1] u tar-Rikorrent[2] moghtija waqt is-seduta tat-13 ta’ Marzu 2012 u ra il-fedina penali tar-Rikorrent esebita mill-Ispettur Zrinzo Azzopardi u markata Dok. “SZA1” a fol. 18 tal-process u ra s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Daniel Farrugia” datata 27 ta’ Mejju 2011 esebita mir-Rikorrent u markata Dok. “DF1” a fol. 19 u 20 tal-process, ra l-affidavit ta’ l-Ispettur Angelo Gafà markat Dok. “AG1” a fol. 27 tal-process;

Ra d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent b’ittra datata 17 ta’ Novembru 2011 esebita mill-Kummissarju bhala Dok. “KP1” a fol. 29 tal-process;

Sema’ t-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jattakka decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu b’ittra datata 17 ta’ Novembru 2011, permezz ta’ liema giet michuda it-talba tieghu ghat-tigdid ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat skont dak provdut fl-Artikolu 10(a) u (b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi moghtija waqt is-seduta tat-13 ta’ Marzu 2012[3], jirrizulta li il-Kummissarju tal-Pulizija cahad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid ta’ licenza ta’ Gwardjan Privat stante li: (i) instab hati ta’ reat kontra l-fiducja pubblika – Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghaliex (ii) il-Kummissarju ma hassx li huwa fl-interess pubbliku li tiggedded il-licenza ta’ Gwardjan Privat tar-Rikorrent u dana billi gwardjan privat irid ikun bniedem ta’ karattru sod u affidabbli – Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

[1] Fol. 21 u 22 tal-process.
[2] Fol. 23 u 24 tal-process.
[3] Fol. 21 u 22 tal-process.

Ir-Rikorrent jikkontesta din id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija in bazi ghal zewg aggravji: (i) illi bis-sentenza pronuncjata fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Mejju 2011, dik il-Qorti ddikjarat li ma kellux rwol dirett fir-reat u fil-fatt illiberatu bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza; u (ii) illi ma huwiex ta' periklu ghall-interess pubbliku li tigi mgedda l-licenza tieghu ta' Gwardjan Privat, anzi huwa fl-interess pubbliku li huwa jahdem u jaqla' x'jiekol ghalih u ghall-familja tieghu.

Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Daniel Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Mejju 2011[4] giet pronuncjata s-segwenti decizjoni: *stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, u stante li l-fedina penali ta' l-istess hija kwazi netta, u li l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Daniel Farrugia hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta <u>qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum</u>*[5].

Ai termini ta' l-Artikolu 25(1) u (2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun, minbarra – (a) l-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, l-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li*

[4] Dok. "SZA1" a dol. 18 u 19 tal-process.
[5] Sottolinear tat-Tribunal.

*tista' tittiehed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat… (2) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dikjarazzjoni ta' htija ta' hati li jitqieghed taht probation, fuq ordni ta' servizz fil-komunità, fuq ordni ta' probation u servizz jew li jigi liberat ghal kollox jew kondizzjonalment kif hawn qabel imsemmi ghandha f'kull kaz tigi mwarrba ghall-finijiet ta' kull ligi li timponi jew tawtorizza xi interdizzjoni, skwalifika, disabilità jew xi piena ohra fuq persuni b'dikjarazzjoni ta' htija.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta ferm car li ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, inkluz il-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, is-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tar-Rikorrent fis-27 ta' Mejju 2011 ma tistax u ma ghandhiex titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija[6]. Huwa evidenti ghalhekk li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta' validament u legittimament jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jippretendi li arbitrarjament jaghti tifsira guridika ghal kollox differenti minn dik stabbilita fil-Ligi ghas-sentenza tas-27 ta' Mejju 2011 u ghall-implikazzjoni tal-liberazzjoni bla kondizzjoni jew kondizzjonali, ghaliex kemm-il darba tali interpretazzjoni kellha tigi accettata bhala korretta jkunu qed jigu serjament ippregudikati l-uniformità u l-istabilità tas-sistema legali nostrali, li huma pilastri fondamentali ghar-retta amministrazzjoni tal-Ligi u tal-gustizzja fil-konfront ta' kulhadd.

B'hekk jirrizulta li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat in kwantu bbazata fuq l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta hija zbaljata. Madanakollu

---

[6] Vide sentenza fl-ismijiet "Pulizija v. Christopher Agius" Appell Kriminali Nru. 99/04 deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004. Ghalkemm din is-sentenza tittratta dwar ordni ta' probation u kwistjoni ta' recidiva, il-principju hemm enuncjat ghandu japplika wkoll f'kaz ta' sentenza liberatorja bla kondizzjoni jew kondizzjonalment.

però ghandu jitqies jekk il-Kummissarju tal-Pulizija kienx korrett u gustifikat li jichad it-talba tar-Rikorrent ghat-tigdid tal-licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *l-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni … meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-licenza*. Kif già iktar 'l fuq osservat mix-xhieda ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi jirrizulta li l-Kummissarju *ma hassx li kien fl-interess pubbliku li tigedded il-licenzja lil Daniel Farrugia u dan peress li gwardjan privat irid ikun bniedem ta' karattru sod u affidabbli*[7]*.* Mill-affidavit ta' l-Ispettur Angelo Gafà[8] jirrizulta li *fil-kors ta' investigazzjonijiet li l-Pulizija kienet qed taghmel rigward hrug ta' licenzji tas-sewqan b'mod frawdolenti, fis-sens illi d-detenturi taghhom ma kienux qaghdu ghat-testijiet rispettivi, kien irrizulta li Daniel Farrugia (KI 853446M), kien assista tlieta minn dawn il-persuni sabiex jottjenu dawn il-licenzji minghajr ma jghaddu mill-proceduri appoziti u dan billi kien kellem lil ufficjal tat-Transport Malta, dak iz-zmien ADT, Francis Catania, u cioè is-suspettat ewlieni f'dan il-kaz.* Fix-xhieda tieghu waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012[9] ir-Rikorrent spjega li *jiena fix-xoghol li kont nahdem kont irreferejt lil xi haddiehor ghand xi haddiehor. Dak iz-zmien kont customer care fil-Ministeru responsbbli mill-edukazzjoni. Talabni biex nirreferih ghand xi hadd biex iqabbzuh mill-posizzjoni li kien ghax kien qed jistenna ghal promotion biex igib licenzja tal-karozzi u rreferejtu ghand persuna u hallejtu hekk u nafx x'gara wara.*

Wara li qies ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif rizultanti mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti t-Tribunal ma jistax ghajr li jaqbel mal-Kummissarju tal-Pulizija li huwa fl-interess pubbliku li l-licenza ta' Gwardjan Privat ma tigix imgedda favur ir-Rikorrent.

Ghalkemm huwa minnu li r-Rikorrent ikkoopera mal-Pulizija fl-investazzjonijiet taghha, ammetta ghall-akkuza

---

[7] Fol. 21 u 22 tal-process.
[8] Dok. "AG1" a fol. 27 tal-process.
[9] Fol. 23 u 24 tal-process.

dedotta kontra tieghu fi stadju bikri tal-proceduri u mill-proceduri kriminali jirrizulta li ma kellux rwol dirett ma' l-otteniment ta' licenzji tas-sewqan b'mod frawdolenti, tant illi gie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mis-sentenza, jibqa' l-fatt li abbuza mill-impjieg tieghu – li kien impjieg f' Ministeru ghad illi fil-*customer care* - u ghen persuna/persuni jottjenu l-licenzja tas-sewqan mhux bil-mod previst fil-Ligi.

Ir-Rikorrent jipprova jimminimizza dak li ghamel billi jikkontendi li: (i) kienet persuna wahda biss li avvicinatu; u (ii) kulma ghamel huwa kien li rreferiha ghand persuna ohra li kienet hi imbaghad li materjalment ghenet biex dan l-individwu jottjeni l-licenza tas-sewqan b'mod frawdolenti. Madanakollu però mill-affidavit ta' l-Ispettur Angelo Gafà, il-kontenut ta' liema ma giex kontradett jew kontestat mir-Rikorrent, jirrizulta li r-Rikorrent ghen ta' l-inqas tlieta min-nies u mhux persuna wahda biss, u xorta jibqa' l-fatt li huwa ma hasibhiex darbtejn biex jghin, anke jekk biss permezz ta' referenza lill-persuna ohra, individwi li kjarament riedu jiksru l-Ligi.

Kif gustament osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija waqt it-trattazzjoni tal-kaz is-servizzi ta' gwardjani privati skont kif jirrizultaw mill-Artikolu tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, huma tali li ma jistax jigi permess li persuna li agixxiet bil-mod kif ghamel ir-Rikorrent ikollha licenza ta' Gwardjan Privat. Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa korrett meta jqis li r-Rikorrent ma ghandux karattru sod bizzejjed u ma huwiex sufficjentement affidabbli biex jigi permess lilu jahdem bhala Gwardjan Privat.

Fic-cirkostanzi ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta li jgedded il-licenza ta' Gwardjan Privat tar-Rikorrent in bazi ghall-interess pubbliku skont l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u jichad l-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-istess

Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu b'ittra datata 17 ta' Novembru 2011.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------